.

**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 21 ta' April, 2016**

Numru 1

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 728/2015**

**John Mary Casha u Carmen Casha**
**vs**
**Tal-Markiza Co. Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta konvenuta tal-1 ta' Marzu 2016 li talbet li tithalla tipprezenta risposta guramentata ghal kawza attrici wara li giet dikjarata kontumaci fil-proceduri permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar 2016, liema digriet gie konfermat fit-22 ta' Frar 2016 wara rikors ghal revoka ta' tali digriet;

Rat ir-risposta tal-atturi li opponew ghat-talba tas-socjeta konvenuta;

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet eruditi taz-zewg partijiet. Il-kwistjoni hi wahda cioe jekk in-notifika li saret permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni kinitx wahda li oggettivament teghleb ir-ragunijiet li s-socjeta konvenuta qed tressaq biex tithalla tirrispondi ghal kawza.

Il-Qorti mhix ser terga' tirrepeti dak li ntqal meta s-socjeta konvenuta giet dikjarata kontumaci wara li saret l-affissjoni u pubblikazzjoni skond l-artikolu 187(1) tal-Kap.

12. Dik il-procedura ttiehdet wara li l-marixxall tal-Qorti iddikjara fir-riferta illi ma sabx l-ufficju registrat cioe in-numru 24A fi Schreiber Street, Paola. Jirrizulta illi l-affissjoni ma saritx mal-bieb tal-ufficju registrat u dan peress li tali numru ma kienx instab f'dik it-triq u l-ligi stess, kif intqal fid-digriet tal-kontumacja, tippermetti tali nuqqas ta' affissjoni fejn mhix possibbli li jsir (art. 187(5) Kap. 12).

Is-socjeta konvenuta qed issostni illi hu stramb kif il-marixxall tal-Qorti ma sabx in-numru meta l-kumpanija tircievi l-atti taghha mid-dipartimenti tal-Gvern f'dak l-indirizz. Fil-fatt esebiet xi ittri governattivi u bankarji indirizzati f'dak l-indirizz. Is-socjeta konvenuta qed tissottometti li l-marixxall ha zball meta pprova jaghmel in-notifika ghax fuq il-letter box hemm in-numru indikat. Gie esibit ritratt li juri dan. Is-socjeta konvenuta qed isostni li n-nuqqas ta' notifika ma sehhx bi htija taghha izda indipendenti mill-volonta taghha u ma ghandhiex tbati s-sanzjoni estrema li ma tithalliex tirrispondi ghal kawza.

Jidher ghal Qorti illi l-kwistjoni hi wahda fejn qed jintalab jigi determinat jekk in-nuqqas ta' notifika bil-marixxall sehhitx minhabba zball tieghu ghax kif qed jigi allegat l-indirizz kien miktub fuq il-letter box barra l-bieb tal-fond u illi s-socjeta konvenuta gieli rceviet ittri f'dak l-indirizz. Il-Qorti tirrileva illi talba ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja tfisser illi qed jigi ammess il-validita formali tan-notifika izda minn kellu jircevieha naqas li jiehu konsenja jew konjizzjoni taggha minhabba raguni mhix imputabbli lilu. Is-socjeta konvenuta f'dan il-kaz mhux qed tipprova tiggustifika n-nuqqas taghha li tiehu konjizzjoni tan-notifika tal-att gudizjarju, izda qed terga' tattakka l-validita tan-notifika billi qed tallega nuqqasijiet fil-mod kif sehhet tali notifika.

Il-Qorti tqis illi n-notifika gia giet dikjarata bhala valida fil-ligi kif aktar il-fuq inghad u rikors gdid ghal purgazzjoni tal-kontumacja mhix il-procedura idonea biex tigi attakkata n-notifika. Fuq tali konsiderazzjoni l-Qorti tista' tichad din it-talba bla ebda konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tar-rikors. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Jesmond Sacco et vs Concetta Charles et**, 17/05/2004:

> Huwa evidenti mill-kontenut tal-aggravji illi, apparti l-meritu, hawn ghandna zewg kwestjonijiet preliminari li jehtiegu ezami, epurazzjoni u decizjoni qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu. Dawn iz-zewg kwestjonijiet jikkoncernaw in-

> nullita` tan-notifika tal-atti fir-rigward ta' wiehed mill-appellanti u l-fatt tal-kontumacja.
>
> Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Novembru 1989 fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Stellini - vs- Carlo Vella et", "il-kwestjoni tan-nullita` tan-notifika 'de quo' u l-kontumacja tal-konvenut huma zewg kwestjonijiet differenti. Infatti kieku n-notifika tac-citazzjoni kienet nulla l-appellant ma kienx jista' jkun meqjus li kien kontumaci u l-kawza ma kienetx tista' timxi l-quddiem qabel ma l-konvenut jigi notifikat mill-gdid skond il-ligi".

Pero l-Qorti hi konsapevoli illi l-istitut tal-kontumacja hu intiz biex hadd ma jithalla jabbuza mill-proceduri legali u jzomm ma' dak li l-ligi timponi bhala termini legali. Dan jaghti certezza u uniformita lil kull procedura. Madankollu hi konsapevoli wkoll illi tul iz-zmien il-Qrati hassew illi l-principju ta' audi alteram partem kien jinnecessita aktar flessibilita f'dan l-istitut meta c-cirkostanzi serji kienu hekk jippermettu.

F'dan il-kaz, is-socjeta konvenuta ssostni li n-nuqqas tal-marixxall li jindividwa l-bieb tal-ufficcju registrat tal-kumpanija u s-sussegwenti affissjoni u pubblikazzjoni minghajr l-affissjoni fuq l-istess bieb ma ghandhiex thallas ghalih is-socjeta konvenuta u tigi pregudikata b'mod li tista' titqies li mhux jinghatalha smigh xieraq.

Il-Qorti tqis li f'dan is-sens ghandha tqis l-ilment tas-socjeta konvenuta. Pero jrid jigi rilevat illi jekk is-socjeta konvenuta qed tinsisti li ghandha ufficcju registrat kif imnizzel mill-MFSA biex fih tigi notifikata, dan l-ufficju jkun ragonevolment jekk mhux facilment identifikabbli. L-obbligu tas-socjeta konvenuta, biex tinheles minn kull hjiel ta' kolpa jew negligenza u tistrieh fuq in-nuqqas tal-marixxall bhala fatturi barra mir-rieda taghha biex tithalla tipprezenta risposta guramentata, hu li turi li n-nuqqas verament kien tal-ufficjal tal-Qorti u mhux indott minnha. Bhala prova s-socjeta konvenuta esibit sensiela ta' ittri indirizzati lilha minn ufficji governattivi, bankarji jew amministrattivi. Din per se mhix prova konklussiva ghaliex ma jirrizultax kemm ohrajn ma waslulhiex, u jekk dawk esebiti fil-fatt gewx ricevuti fl-ufficcju jew gew migbura banda ohra. L-indirizz fuq l-ittra mhix wahedha konklussiva li waslu fl-indirizz. Aktar minn hekk pero gie esebit ritratt tal-fond innifsu fejn jirrizulta illi n-numru 24A ma jidhirx fuq il-faccata tal-binja. Gie esebit ritratt close up tal-letter box fuq il-lemin tal-faccata tal-binja li fil-parti ta' isfel miktuba b'mod xejn car hemm in-numru 24A. Lanqas ma ngiebet prova li l-fondi attigwi jgibu numru car tal-fondi biex b'hekk il-marixxall seta' individwa b'mod facli l-bieb tal-ufficcju registrat tas-socjeta konvenuta.

Il-Qorti ma hi xejn konvinta illi s-socjeta konvenuta qed tippubblicizza u tindika b'mod car u ragonevolment identifikabbli l-ufficju registrat taghha u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis li l-marixxal ghandu xi htija meta ddikjara fir-riferta li ma sabx l-indirizz registrat cioe n-numru. Is-socjeta konvenuta naqset li taccerta ruhha li kull missiva, specjalment dawk ufficjali ser jaslu fl-ufficcju registrat li hu ragonevolment identifikabbli b'mod li taccerta ruhha li ma tinqalax is-sitwazzjoni li fil-fatt inqalghet. Dan juri nuqqas ta' kura u diligenza fl-operat tas-socjeta konvenuta. Il-fatt illi s-socjeta konvenuta ma ntebhitx bin-notifika bl-affissjoni fl-Ghassa tal-lokal u fil-Kunsill Lokali u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali mhix htija tal-ligi kif inhi ghax oggettivament il-ligi trid li persuna tigi avzata b'mod miftuh u pubbliku u jekk il-persuna tonqos li tigi a konoxxenza ta' tali notifika mhix htija tal-ligi u anqas ghandu jkun ta' skuza biex tigi evitata n-notifika maghmula validament u skond il-ligi minghajr il-prova li tinkombi fuq is-socjeta konvenuta li tali nuqqas bl-ebda mod ma kienet tahti ghalih hi, anki bin-nuqqas ta' kura taghha stess.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-talba tas-socjeta konvenuta li tipprezenta risposta guramentata. Spejjez ghas-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur